**IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI**

**Illum it-30 ta' Novembru, 2023**

**Rikors numru: BCT/25/2023 BCT**

**Membri:**

Avukat Christopher L. Vella L.L.B., Dip. Not., LL.D.(Melit.)

Perit Samuel Formosa B.E.&A.(Hons), M.Sc. Arch.(Lond), M.Sc.(Env.Pln.& Mgt.), A.&C.E.

Inġ. Johan A. Psaila B. Eng. (Hons.), Pg. Dipl. (Brunel)

---

Duwayne Borg

Vs

Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni

**It-Tribunal**

Ra r-rikors tal-appell ippreżentat mill-appellant nhar l-20 ta' Lulju, 2023 b'referenza għall-penali amministrattiva mibgħuta permezz ta' ittra datata id-19 ta' Settembru, 2022. L-appell tal-appellant jgħid:

*This email is an objection to your reference BCA/P/2022/0237.*

*For clarification purposes hereunder find time-line of events of application PA 4409/16:*
*Application submitted December 2015*
*Application approved July 2018*
*Demolition Works started Jan 2019 and were completed by May 2019*
*Submission and approval of minor amendment to remove basement store 17th August 2022*
*Submission of Construction method statement 1st draft to BCA 1st September 2022*
*Submission of Construction method statement 2nd draft to BCA 14th September 2022 – still*
*waiting reply*
*These dates and any required documentation are easily confirmed on PA e-apps.*

*Please note that my architect already sent three email regards this and are dated on the 1st of October 2022, 3rd October 2022 and 19th October 2022. I sent an email already*

*aswell on the 18th November 2022. I attached a copy of these emails and till today we did not receive any reply for them.*

*I have attached with this email the plans for the site, the site plan, the permit, your letter and the emails that me and my architect already sent.*

*I look forward for your reply.*

Ra r-risposta tal-Awtorità li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*

2. *Illi **preliminarjament** skont l-artikolu 6 tal-Kap. 189, kif magħdud mal-Kap. 490, l-appell intavolat kellu jkun kollu bil-lingwa Maltija stante li ma hemm l-ebda ordni jew raġuni legali sabiex l-lingwa tkun dik Ingliża kwindi tali appell għandu jiġi dikjarat bħala null;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għal dak indikat preliminarjament, durante t-trattazzjoni tal-appell, r-rapreżenatanti tal-Awtorità appellata ser jkunu qegħdin jispjegaw f'iktar dettal il-fatti, fejn ser jidher ċar li l-istekkat ma kienx inkonformita' mal-liġi;*

4. *Għaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorità appellata qegħda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex ma jieħux konjizzjoni ulterjuri tal-appell;*

5. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbali tas-seduti kollha li seħħew quddiem it-Tribunal.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.

Semgħa it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet.

Ra li fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2023, l-kawża tħalliet għall-llum għas-sentenza.

*Ikkunsidra:*

Illi l-appell in kwistjoni jittratta l-imposizzjoni ta' penali amministrattiva li l-bażi tagħha hija t-twettieq ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni li mhux konformi mal-Liġi Sussidjarja 623.06, senjatament minħabba li sar xogħol ta' demolizzjoni mingħajr ma ġew sottomessi d-dokumenti kollha kif meħtieġ.

Illi qabel daħal fil-mertu tal-kwistjoni dan it-Tribunal hass li huwa opportun li l-ewwel jitratta kwistjoni li minkejja li ma ġiet imqajjma mill-ebda parti fil-proċeduri, it-Tribunal iħoss opportun li jindirizza. F'dan is-sens issir referenza għad-data li ġie preżentat ir-rikors mertu ta' dawn il-proċeduri. Huwa evidenti li filwaqt li dan l-appell ġie preżentat permezz ta' email nhar l-20 ta' Lulju, 2023, dan l-appell jitratta penali li ġiet imposta numru ta' xhur qabel u ċioe ' nhar id-19 ta' Settembru, 2022. Mill-atti u mid-dokumenti li ġew preżentati ma jirriżultax li kien hemm xi problemi ta' notifika ta' din il-multa u dan minħabba li l-appellant nnifsu fir-rikors promotur jippreżenta korrispondenza datata l-1 ta' Ottubru, 2022, mibgħuta mill-Perit tiegħu, u li fiha qiegħed jilmenta mill-multa imposta mal-Awtorità intimata. Għaldaqstant ma jistax jingħad li l-appellant jew il-Perit tiegħu ma kienux konsapevoli mill-multa imposta.

In vista' ta' dan, it-Tribunal ser jikkunsidra it-tardivita li permezz tagħhom saru dawn il-proċeduri u dan in vista' li l-intavolar tagħhom jiżboq it-terminu preskritt mill-Kap. 623 tal-Liġijiet ta' Malta tramite artikolu 43 liema terminu huwa ta' għoxrin jum. Huwa evidenti li dawn il-proċeduri saru wara l-għoxrin jum preskritti mil-liġi, liema artikolu huwa ċar li kwalunkwe appell għandu jsir mhux aktar tard mill-istess għoxrin jum.

*43. (1) L-appell għandu jsir mhux aktar tard minn għoxrin*
*(20) jum wara li n-notifika tal-ordni, ir-ruling jew id-deċiżjoni tkun*
*inħarġet fuq is-sit web tad-Dipartiment tal-Informazzjoni.*

Dan it-Tribunal saħaq f'diversi istanzi li huwa ma huwiex favur formaliżmi żejda li huma intiżi sabiex ixekklu proċess ġudizzjarju. Minkejja dan, it-tardivita fl-intavolar ta' azzjoni ma hijiex formaliżmu żejjed iżda għandha sisien sodi fil-prinċipju ta' ġustizzja effiċjenti u effettiva. Huwa evidenti li l-artikolu 43 ma jipprovdi għall-ebda eċċezzjoni f'dan l-obbligu li għandu kwalunkwe appellant. Tant huwa assodat dan l-obbligu, li l-Qrati tagħna f'diversi

stanzi saħqu li huwa bi tħaris tal-ordni pubblika u allura minkejja li ma jkun tqajjem mill-ebda parti, tista' tkun l-istess Qorti jew Tribunal li tqajjmu minn jeddha u tiħdol fl-analiżi tiegħu *sua sponte* mingħajr is-sejħa tal-ebda parti. F'dan is-sens issir referenza għad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar il-31 ta' Jannar, 2019 fl-ismijiet '*Geoffrey Mizzi et vs Ministru għall-Familja u Soldiarjeta' Soċjali'* fejn intqal kif ġej:

*"10. Fir-rigward jinsab konsolidat fil-gurisprudenza taghna li losservanza tat-termini stabbiliti kemm fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u kif ukoll f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem qorti jew tribunal,* ***huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux bl-ebda mod jigu njorati, u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula.*** *Dan ghal ragunijiet ta' certezza u wkoll ta' uniformita`. Ghalhekk l-inosservanza taghhom tista' sahansitra tigi sollevata mill-Qorti ex officio u galadarba jiskadi t-terminu stabbilit millligi, id-dritt ta' azzjoni jintilef."* (enfasi miżjuda)

In vista' ta' dan kollu, dan it-Tribunal ma jarax għalfejn għandu jiddevja minn dan l-insenjament. L-appellant kien ben konoxxenti mill-penali amministrattiva imposta iżda għal xi raġuni li għaliha ma provda ebda ġustifikazzjoni, għażel li ma jintavolax appell quddiem dan it-Tribunal. Kien biss wara li għaddew numru ta' xhur li huwa ddeċieda li jieħu azzjoni u minn jeddu jintavola dan l-appell. In vista' ta' dan in-nuqqas flagranti, dan it-Tribunal ma jarax għalfejn għandu jidħol fil-mertu ta' din il-kwistjoni u mhux ser jikkunsidra l-appell odjern ulterjorment.

**Decide**

Dan it-Tribunal, għar-raġunijiet premessi jiddikjara li l-appell ġie intavolat tardivament u għaldaqstant huwa irritu u null. Dan premess l-appell qed jiġi miċħud u l-penali amministrattiva datata id-19 ta' Settembru, 2022 qiegħda tiġi konfermata fl-intier tagħha.

| | | |
|---|---|---|
| **Dr Christopher L. Vella** | **Perit Samuel Formosa** | **Inġ. Johan Psaila** |
| Chairperson | Membru | Membru |